MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2217/2004

**Anna Bonisch**

**vs**

**Andrew Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) rapprezentanti depozitu akkont tal-prezz ta' xoghol ta'** ***interior design*** **li kellu jsir mill-konvenut diversi xhur ilu liema inkarigu gie abbandunat minnu;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attrici fis-6 ta' Jannar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-3 ta' Dicembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------